# LECTIO DIVINA

# It-Tletin Ħadd

# Matul is-Sena (Sena Ċ)

**Lq 18,9-14**

## "jafdaw fihom infushom li huma ġusti u kienu jmaqdru lill-oħrajn "

**"Kien hemm uħud li kienu jafdaw fihom infushom li huma ġusti u kienu jmaqdru lill-oħrajn. Ġesù qalilhom din il-parabbola:"** (v.9)

***'jafdaw fihom infushom li huma ġusti'***: Kienu jaħsbu li setgħu jkunu ġusti billi sempliċament jagħmlu dak li tgħid il-liġi. Huwa faċli li wieħed jafda fl-osservanza tiegħu tal-liġi u mhux f'dak li tgħid il-Kelma t'Alla li tagħti l-ħajja. L-Iskrittura tgħid li ma hemm ħadd li huwa ġust permezz tal-opri: *"quddiem Alla ħadd ma hu ġġustifikat bl-opri tal-Liġi"* (Rum 3,20 ara wkoll 3,9-19).

***'u kienu jmaqdru lill-oħrajn'***: Faċli li meta wieħed jibda jiftaħar bl-istess opri tiegħu, bih innifsu u mhux fil-Mulej dan jibda jara lill-oħrajn inqas minnu.

**"Żewġt irġiel, wieħed fariżew u l-ieħor pubblikan, telgħu fit-tempju biex jitolbu."** (v.10)

***'Żewġt irġiel, telgħu fit-tempju biex jitolbu'***: Marru fil-post l-iktar qaddis biex jitolbu "il-ħinijiet tat-talb kienu filgħodu għal ħin tad-9.00 u wara nofsinhar fit-3.00" (Jeremias). Li titla' ma kienx biss att fiżiku, imma suppost kellu jkun att spiritwali: *"Henjin dawk li jgħammru f'darek; huma jfaħħruk għal dejjem... Jimxu u aktar jissaħħu, sa ma jidhru quddiem Alla f'Sijon fuq l-allat"* (Salm 84,5.8).

***'wieħed fariżew u l-ieħor pubblikan'***: Żewġ kategoriji ta' nies kontra xulxin: il-fariżew kien meqjus bħala persuna eżemplari u rispettat mill-oħrajn, filwaqt li l-pubblikan kien meqjus bħala midneb pubbliku u disprezzat mill-bqija. Kien dan li kien jidher minn barra: *"Hekk intom; minn barra tidhru tassew ġusti quddiem il-bnedmin, waqt li minn ġewwa kollkom ipokrisija u ħażen!"* (Mt 23,28).

**Il-fariżew, wieqaf, talab hekk f'qalbu: 'O Alla, niżżik ħajr li m'iniex bħall-bqija tal-bnedmin, ħalliela, inġusti, żienja, jew ukoll bħal dan il-pubblikan. Jiena nsum darbtejn fil-ġimgħa u nħallas l-għexur ta' kulma ndaħħal.'"** (v.11-12).

***'wieqaf'***: Li toqgħod wieqaf fit-talb ma kintix xi ħaġa ta' min jikkundannaha: *"U meta tkunu weqfin titolbu..."* (Mk 11,25). Imma qagħad wieqaf għax ħassu bniedem ġust, il-preżunzjoni ta' dak li huwa żgur minnu nnifsu.

***'talab hekk f'qalbu'***: B'dan il-mod it-talba ma telgħetx 'l fuq lejn Alla, infatti "hu ma riedx jitlob lil Alla, imma jfaħħar lilu nnifsu" (Sant'Wistin).

***'O Alla, niżżik ħajr li m'iniex bħall-bqija tal-bnedmin'***: Kull ringrazzjament li huwa mibni fuq l-Iskrittura għandu bħala oġġett lil Alla u mhux il-'jien'. Jippreżenta ruħu quddiem Alla jfaħħar lilu nnifsu u dak li qed iwettaq. Iħossu bħala dak li huwa biss tajjeb, mentri Ġesu' jgħid: *"Mhux il-ġusti ġejt insejjaħ, iżda l-midinbin."* (Mk 2,17).

***'jew ukoll bħal dan il-pubblikan'***: Għall-kuntrarju Pawlu jgħid: *"Tagħmlu xejn b'pika ta' partit, anqas għall-ftaħir fieragħ; imma kunu umli u kull wieħed minnkom iqis lill-ieħor aħjar minnu"* (2 Fil 2,3). Inqas ma tagħraf id-dnub tiegħek, iktar tibda tiddisprezza lill-oħrajn.

Anke Ġesù kien akkuzat mill-fariżej: *"Ġie Bin il-bniedem, jiekol u jixrob, u tgħidu, 'Araw, xi bniedem wikkiel u sakranazz, ħabib tal-pubblikani u l-midinbin!"* (7,34)

***'Jiena nsum darbtejn fil-ġimgħa.'***: "Mentri l-Liġi kienet titlob li ssum jum wieħed fis-sena, f'Jum l-Espjazzjoni, dan kien isum minn jeddu darbtejn fil-gimgħa, it-Tnejn u l-Ġimgħa. L-ikbar sawma li wieħed seta' jagħmel fl-ambjent tal-Orjent huwa li jirrifjuta li jixrob, minkejja s-sħana qalilna" (Jeremias)

***'u nħallas l-għexur ta' kulma ndaħħal'***: Kien iħallas ukoll fuq il-prodotti li diġa' kien tħallas l-għexur fuqhom bħalma kien il-qamħ, l-inbid u ż-żejt (Jeremias).

**"Iżda l-pubblikan, bilwieqfa fil-bogħod anqas biss ried jerfa' għajnejh lejn is-sema, imma beda jħabbat fuq sidru u jgħid: 'O Alla, ħenn għalija, għax jien midneb!'"** (v. 13)

***'Iżda l-pubblikan, bilwieqfa fil-bogħod anqas biss ried jerfa' għajnejh lejn is-sema'***: Ħassu mhux dehen li jersaq lejn Alla. Ma ħassux dehen jersaq lejn il-post tal-"Qaddis tal-Qaddisin" fejn kien hemm il-preżenza t'Alla. Qed iħoss l-istess sentimenti ta' Pietru quddiem il-Qdusija ta' Ġesu': *"Tbiegħed minni, Mulej, għaliex jiena raġel midneb!"* (5,8). Il-laqgħa m'Alla wasslitu jagħraf iżjed kemm huwa midneb.

***'beda jħabbat fuq sidru'***: "beda jħabbat preċiżament fuq il-qalb (il-post tad-dnub)" (Jeremias). "Ifisser li inti tirrifjuta dak li huwa moħbi fil-qalb u ssawwat id-dnub moħbi tiegħek inti u tistqarr: 'O Alla, ħenn għalija, għax jien midneb!" (Santu Wistin)

Il-pubblikan qed jwettaq dawk il-ġesti li jindikaw il-preżenza t'Alla: Alla hu l-Qaddis, mentri l-pubblikan huwa l-impur u għalhekk joqgħod 'il bogħod. Meta Mosè u Elija jiltaqgħu m'Alla huma jgħattu wiċċhom. Fil-fond tad-dnub tiegħu l-pubblikan skopra l-ħniena t'Alla, kif għamlet il-folla wara li ħassitha mgħobbija bil-piż tad-dnub: *"U n-nies kollha li kienu nġabru hemm biex jaraw, meta raw dawn il-ġrajja, reġgħu lura jħabbtu fuq sidirhom."* (23,48).

***'għax jien midneb'***: Fil-lingwa griega, hemm l-artiklu "il-midneb". Iħossu qed iġorr il-piż tal-midinbin.

B'differenza minn Żakkew (ara Lq 19,1-10), il-pubblikan tal-parabbola ma jagħmel ebda proponimenti, mhux għax ma riedx imma għax ħass li ma għandu jagħmel xejn għajr li jagħti raġun lill-fariżew li qed jakkużah. F'din l-inkapaċità li jagħmel xi ħaġa (il-paraliżi tad-dnub) qed jesprimi l-konverżjoni tiegħu u qed jafda lilu nnifsu fil-ħniena t'Alla:*"qalb niedma u sogħbiena ma twarrabiex, o Alla"* (Salm 51,19). Alla jrid jagħmel kollox fih, anke l-istess opri.

**"Ngħidilkom jien li dan, u mhux l-ieħor, niżel id-dar iġġustifikat. Għax kull min jitkabbar, jiċċekken; u min jiċċekken, jitkabbar."** (v.14)

***'niżel id-dar iġġustifikat'***: a. It-talba tiegħu kienet marbuta mal-kelma t'Alla, b'referenza għall-Iskrittura: *"Sidi, ismagħna; Sidi, aħfrilna; Sidi, agħtina widen u ddumx ma tagħmel xi ħaġa għalina"* (Dan 9,19); *"Għinna, O Alla, Salvatur tagħna, f'ġieħ is-sebħ tal-isem tiegħek; eħlisna u aħfrilna dnubietna, minħabba l-isem tiegħek."* (Salm 79,9); b. Lil Alla tgħoġbu t-talba tal-umli: *"U jisma' t-talb tal-mitluqin, ma jistmellx it-talb tagħhom"* (Salm 102,18); *"Il-qawwa tiegħek mhijiex fil-kotra tal-eżerċti, lanqas is-setgħa tiegħek fil-qawwijin. Iżda int Alla tal-imsejknin, l-għajnuna taż-żgħar, ħajt tal-kenn għad-dgħajfin, protettur tal-mitluqin, salvatur tan-nies bla tama"* (Ġud 9,11).

## Għar-rifessjoni:

- Ma min faċilment nidentifka lili nnifsi, mal-fariżew jew mal-pubblikan?
- Ma nistax nitlob u niddisprezza, nadura lil Alla u numilja lil uliedu bħalma għamel il-fariżew.
- Fil-pubblikan kien hemm armonija bejn il-kliem u l-ġesti/l-atteġġjamenti. Ġieli l-atteġġjamenti tiegħi ma jkunux jaqblu mal-kliem ta' indiema li nistqarr lil Alla?
- Il-fariżew fit-talba tiegħu tilef id-dipendenza mill-gratuwità t'Alla Missier.
- Il-fariżew jipprova jikkonvinċi lilu nnifsu mit-tjubija tiegħu billi jħares lejn id-difetti tal-oħrajn.
- It-talb juri liema immaġni jien għandi t'Alla, u b'konsegwenza ta' dan, tiegħi nnifsi u tal-oħrajn. X'immaġni għandi jiena t'Alla, tiegħi nnifsi u tal-oħrajn?
- Kull immaġni wisq għolja tiegħi nnifsi ma tħallinix nara lill-oħrajn bħala ħuti.
- "Ħtijieti jiena nistqarrhom: nitħasseb fuq id-dnub tiegħi (Salm 38,19). Il-pubblikan huwa "in-nagħġa l-mitlufa", "l-iben il-ħali" li jagħraf il-verità profonda tiegħu nnifsu.